# CHITBA TA ZUIEG

## STENDUTA MIN-NUTAR

## Giomu Cepcep.

### fit-18 ta Frar tal 1865,

flistess

## MAGHMULA GHAL GHANA

### Persunaggi

| | |
|---|---|
| BARTILMEU | Missier |
| MATTIA | Gharus ta |
| SOFIA | Bint |
| ANNA | |
| LAZZRU | Hu Anna |

---

*Nut.* Fis-sena tal ghakx, elf, tmenmia, 65
(Intomx tisimghu? Xei tibdghu tghergru ma
(xulxin
Illum li inghoddu satax min Frar.
Xiahar sabih, ghat l' hu mil ksar.
Aun ix-xieda l' coll presenti
Isimghuni, u attenti.
Ser nakralcom dil chitba ta zuieg. . .
*Bart.* Cioè cuntrat.
*Nut.* Issa uakt li nithaddet jen, jiscot culhatt.
*Anni.* Hallich minnu sur cugnatu

Ghax ghandu ftit tal chliem zeiet
*Bart.* Nifem jen nipkghu sa natu;
Au biex tiscot trid tcun mejet.
*Matt.* Pa, issa mux uakt id-discors
*Sof.* Ech innutar jixba bil fors
*Nut.* Signuri, afu l' jena
Imbati ftit bin-nervi
Imbaghat nisthajen tgheidu:
Tar-rahal nies suppervi
Mux suppervi, isimghuni
X' ser ingheit, u xei tmeruni.
—Meta cont ghadni zaghzuh
Dach iz-zmien bir-rih fil kluh,
Ghax ma cont nibza min hatt.
Nies ta suk, u nies tax-xiatt
Chienu igheidu li jen pesta,
Trit tarauni m' bagbt f' xi festa!
Cont inxiddlech il giagaga,
Ndur mal plaja daks zugraga.
Basta, dana collu spiccia,
Nigiu issa ghal di l' biccia.
Messni cont f' tiec ta gharusa,
Dan il fatt ilu sentei,
F' idi chelli gia l' carfusa
Biex nixrop, u 'ngheit chelmtei
Intom tafu il chirianza
Meta uihet ser jirrima?
Tutta quanta l' adunanza
Tipka ech con tutta stima
Biex tissamma xinù gei,
U biex pronta ic-cechcech platti.

Ma per Bacco min da xei !
Bakghu jechlu. Dauna tratti ?
Bdeit ir-rima u spicciaita
Hatt ma tniffes, hakk il bhejem !
Ghett: hasbux kighett nic-ciaita ?
Mela 'nkum, darba ghal dejem
Ftaht cul gargi daks ta Cerna,
Bdeit inghaiat daks il fart.
Au fein ahna, ghett, f' xi tverna ?
Kbatt is-siggiu xhettu fl' art.
Din azioni ta facchini !
Pkait inghajat, ma bzait xein
Culhatt kam, riet icheccini;
Ma tismax hlief: uarau x' gei !
Il gharus kabat ghal sidri,
Jena pront, platt ma gheddumu
Jakbes uihet uicc bil gidri
Beda ighaiat. . . L' ahua kumu !
Em trit-tara x' battabuglia !
Coll chem uma kabdu fija,
U igheduli, Banavoglia !
Hassartilna Cumpania.

Nisa tigri ghal ghunnella
Tfal ighaitu, rgiel ikumu.
Saret ghagha daks ta rnella
F' uakt li innies icunu ighumu.

Insolenti ! gente bassa !
A me fate questo torto ?
Sa frattant cont kighed ghassa,
Altrimenti sarei morto.

Platti fl' airu, fl' idei friechet
Il coll sirna kattanja
Ipso facto culhatt siechet
Tithol fukna l' Pulizia.
*Bart.* U mur gharrak koxriet uiccech!
Ahrak din dach li mar ficcech!
X' jjmpurtana milli gralech?
Chien jonkosna xi hmar phalech!
*Matt.* Xtaktech m' intix floch missieri
Cont nurich jen x' jjgifieri
Zammeitna phar-rsira mighech
*Anni.* X' ghandu jaksam il fatt tighech
Ilech tghergher gia saghtei,
Sa frattant ghat ma ghett xei
*Sof.* Xtaktni ragel dal mument
Cont nurieh jokghocc attent!
Jjlhak seu l' affari tighu
Da min mar lakkaghna mighu?
*Nut.* Chelma chienet . . . ibilghuni!
Ara, ar, ar, x' fatta daruni?
Cul ma ghett, sa biex nuricom
U dakxei t' idea nticom,
Illi jena ftit buzzieka,
Da m' iniex ingheit bil hlieka,
Uakt li nakra isimghuni
Rascom baxia phal muntuni.
*Anna* Ja pastas, facchin, villano
Int ma min kighet tit-tratta?
*Nut.* Jech terghu tibdeu phal leuel,
Mar-ric uisk biex daun inkatta?
*Anna.* Da min ù? x' rih giebu leina

*Sof.* Ilna quarta, inkas bdeina
*Bart.* Alon! mexi, nehilsua
*Matt.* Sur Manifcu, sen hamgiua
*Bart.* Ghax dal uakt immid ideja
*Nut.* "Au l' affari seria geia.'
*(legge)* Dunque punto, e da Capo
Is-Signura Anna Gauci,
Armla mis-sur Giomu il Ghauci
Us-Sur Bartilmeu Mallia,
Zeuc Zabbetta min Hallja.
Au presenti ittne uliedom,
Zeug gharaies, li min zniedom
Tau il chelma ghal xulxin,
Fir-roll jjthlu, tal bnedmijn
Li mizzeugia daun jjssiehu
Punto doppio. Au nistriehu.
*Matt.* Indocra takta xi vina!
*Bar.* Sur manifcu, ithak bina!
*Nut.* *(Legge.)* Anna Gauci "chif semmeina"
Dis-Signura li au hdeina,
Seira tati lis-Sur Matti
Din id-dota, ma bil patti
Illi jahdem u jilvinta
Biex id-dota min ta binta,
Xei affattu ma timtess;
Habba p' habba tcun l' istess,
Phal ma illum seira ittijela,
Chem il darba ma jibdie*A*.
*Ann.* X' inti tharref, x' inti tgheit?
Hmerijet min mindu bdeit.
Chif jibdieli? dan ghaliex?

Mel ahna ma ftehimniex?
Jen cuntenta bil gharus.
Seua 'l beni, seua 'l flus
Illi em michtup fil carta,
Collox jehu f' temp ta quarta
Jehu mahhom din il gioja
X' mort ciaffastli, uicc ta boija?
*Nut.* Signur' Anni, ghax tghallini?
B' dan il chliem int toffendini
*Ann.* Mexi, spiccia, nehelsuha.
*Sof.* Dan-Nutar chem ghandu bluha.
*Nut.* Seier nibda. Attenzioni
Biex ma ngip xei confusioni
Kassamt collox f' erba pceiec.
Beni, dehep, flus u huejec.

## BENI.

*Nut.* (*legge*) Mizzanin fein barra l' Mina
Biep ftit dejak, numru setti
Fieh il bir, u fih il Chcina
Tieka baxxia bla gancietti.
Ech chif titla, is-sip sala
Ic-ciangata m' ilu xei,
Il gmiel tahha li ma phala
Addattata seu ghal tnei.
Fih tliet tuieki, u gallaria
Cantin' isfel beit il fuk
Fih Alcova, fih ciumnija
Toghgiop sgur lil cul mahluk
Dan il mizzanin insomma
Illi seira it-tiha omma
Ghat ma ilu mibni xein

Seua seu, ilu sentein
Nisperau li ighammru fih,
Un momento ser nistrih.
*Bart.* (*sorte loriuolo)* Bell' affare! saru issitta
*Matt.* (*al padre)* Inti imbaght ghax int t'ifflitta
*Nut.* Omnia cum tempore, et sine tempore nihil
*Anna* Ghandech il hila is-suk?
*Nut.* Ghajat mighi int minfuk!
(*leggè)* Dar mil isbah gio tas-Sliema
(*ad anna)*. Aun em bzon infisser seua
Ghax ghadech ma ghettlix liema.
Dich tax-xtaita, jeu ta geua?
*Anna* Xih smagat, nic-compatich
Ghandech tcun ma conc f' sessich
Uakt li jen cont nid-dettalech?
Buh ghalich u ghar-rgiel phalech!
(*marcata)* Dar tas-Sliema, m'emx bzon krati
Uuaha ghandi, uahda nati
*Nut. corregge* Dar tas-Sliema m'emx bzon krati
(Nichtep chif igheit il hmar)
Uahda ghanda, uahda tati
Issa spiegat ftit ahiar.
(*legge)* Dar li fiha hdax il Camra
Compris collox, sal cantina
Faccia front il biep, em tamra,
U sigra ohra ucoll hdei dina
Gnien mill isbah, bosta mfahhar
Fieh cul ma jjxtiek il fomm
Il frott collu mill imuahhar
Dach signal li l' art izzomm.

Fieh it-tin ta Zondadari
Fieh parsott, fieh farchizzan,
Fieh imbaght eluf ta Ksari
Uahda minnom daks xitan.
Fieh laring bid-deuedja,
Fieh xi erba purgulati;
Fieh ghambakra, fieh lumja,
Fieh rummiena, fieh gelati—
*Bar.*.Bravo bestia!
*Matt.* Din arraita?
*Bar.* F' ghomri collu, katt ma smaita
*Anna* Ma ricc tgheit, poma cannella?
*Nut.* Si Signora appunto quella.
"Ghett hmerja ta Francuni,
Chien imissom ihaggruni"
*Nut.* *(legge)* Oltre dina li semmeina
Camra sbeiha l' Arcipiercu,
Mibnja min Zeppu Gbeina
Dach ragel ta min ibierchu.
Il biep tahha Lighet barra,
U dil camra keghda il geua
No Signor, au kighet narra,
Au xi chtipt? dina m' ix seua?
Dan il beni chif gia smaitu,
Min ghair fuku ma emm dein
(Tabilhakk li chtiptu u kraitu
Izda b' dan ma nemmen xein.
Tumnei raba Birchircara.
Raba u beni, aun bizzeiet,
Nigiu issa ghal ghamara
Ser nistrih, inhossni mejet.

*Anna* Signor Bartlo, che vi pare?
Jx dota ta Signura?
*Bart.* Aghmel int, è vostr' affare
Int mir-rasech, m' intix lura.
*Anna* Gheit sur Matti, int x' jjdirlech?
*Matt* Jen ma nistax infissirlech,
Kalbi set-tir min gio fija
Mux ghad-dota? ghal Sofja.

## DEHEP.

*Nut.* Dan id-dehep li sen semmu
Nisperau, u ech icun:
Illi ipka sa ma ittemmu
Basta li ma icunx mirhun
Dehep fin collu tat-trenta,
Ciò sta scritto, e si prova
Dehep f'dar, ua daks renta,
Quante volte non si muova
Ijpka dejem gio l'cradenza
U cul tant dich l'assistenza
Tixhet mighu ftit cul tant,
Xi xenxula, xi diamant,
E così va discorrendo
Gia fimtuni, lo comprendo.
*(legge)* Par imsielet amatista
Par ohrain maghmulin lixi.
*Ann.* Ghajat ftit jech inti tista
*Nut.* Auna pront, biex n'eseguixi
*(grida forte)* Par imsielet tal muzaich
*Bar.* Kaila, kaila, fein hsipt l'inti?
Kighet tghajat daks xilaich
Ghoddoch sturdeitli uidinti.

*Nut.* Ma vedete fiex gjebuni!
Chif scantauni, chif bellhuni?
*Sof.* Issa seira nakbes jena.
Cos intom ma ghantcomx hniena
Ahna ilcoll nies educati,
Gia li tafu mniex ibati
Ghax keghdin titterrompuh?
Mischin ragel gia ktiltuh.
*Nut.* Tithku xei, m' jjex tic-ciaita,
Hsiptuni forsi ciuklaita
Iddauruni l' aun u l' henn
Jen inhossni tani genn!
Meta is-semmi Giomu Cepcep
Ibza minnu, u ghaineich teptep.
*Nut.* (*legge*) Par imsielet min tal kroll
Ser ittiha daun ucoll
Ghaliex jjxirkula f' uiccia
*Sof.* (*alla madre*) Gheidlu ihassa din il biccia
*Nut.* Par imsielet filugranu,
Jjznu tletin scut passati,
Sentei ilu chienu irtahnu
Ghaliex omma chella tati.

Par ciappetti bil bellusa.
Par ohrain tal ghambra fina,
Daun it-tnei t' Omm il gharusa,
Chien tahomla ragel xbina.

Par ohrain b' uciuh tal-lava
Ma daun ihor tal kroll tata
Kroll hamrani daks pitrava
Chif tcun imkattgha insalata.

Barbazzar xi hagia rari
Phalu ghat ma deher katt
Dan id-dehep xtektu f' dari
Cont nischer mittnei sal hatt.
Barbazzari sitta insomma
Biex man taulujex izzeiet,
Chella ihor, kalet omma;
Requiescat, daca mejet.
Labar tata gheguegia
Jech nichtibom nimla carta
Nifem jen passata il mja
Ma tghoddomx sigur fi quarta.
Biex niftiehmu ma da labar
Emm hafna qualitajet
Ftit pacenzia ftit tas-sabar
Nispiegau f' erba chelmejt
Il Mitt labra li semmeina
Biex jen ma nohroc ta hmar
Aun il pinna keghda hdeina
Jahtieg nahdmuom suttrar.
Ghoxrin minnom tal calzetta
Trenta otto min tal hiata
*Anna* Em xi chtipt? sed-dokk trumbetta
Dal uakt tkajem xi xenata.

*Nut.* Questi son gia cinquant' otto
Poi, tar-ras em quarant' uno
Non bisogna esser dotto
Is-suttrar lo sa ognuno.

*Matt.* Biex kal chelma ilu sigha
Da mur ixtu predcatur

*Bar.* Naghli ghax man hossnixfiha
Chiechu xhettu barra sgur
*Nut.* Nizuchhair! id-dehep spiccia
Halli issa insemmu il flus,
Ser insemmu l' isbah biccia
Din tcun toghgbu lil gharus.
Mille scudi in Cambiali
Quattro mila in Contanti
Daun jahasra m' umiex phali
F' camarti ma ghandix hlief carti.
Meida franca sena shiha,
Cicci pappi bla tbatja
Dina xorti uisk sabiha
Li 'l tkait mahha sur Mattia.

## MOBBLI

Par gradenzi u guardarobba
Stile antico, ma che belle !
Tabilhakk li Omma thobba,
Non le avrebbe dato quelle.
Un sofa damasch hadrani
Tuil kaspte, u tliet ixbar
*Anna* Aggiungete ihor barrani
*Nut.* Au pront mighech in Nutar.
Meida tonda, fatta quadra
L' uicc tar-rham racchmat bis-suf,
Nel disegno poi leggiadra
Fiha sal frenza fit-truf.
Siggijet in abbondanza
Em tal cheuba bil cuscini

Questi poi son per la stanza
Tal cantina mux ech fini
Erba miria differenti
Tnei juruch uiccech tauali
It-tnei l' ohra ftit scadenti
Erbgha insomma, non ce mali
Zeuc pultruni it-tnei compiti
Uahda bis bi tliet sakai
L' ohra tokghot mal feriti
Ghax jonkosa izzeuc dirghai
Pianoforti maghmul cuda
Idok dakk tas-sharijet
Ftit tal camla bis fil ghuda
U mhassar fit-tonijet.
Arlogg collu doratura
Mill isbah li em gio Franza
Biss imur xi sigha lura
U cul tant itih li javanza.
Quadri tata bit-tuzzani
Min cul xiorta ta auturi
X' uhut "mux ghax jimpurtani"
Di già nezghu mil culuri
Dich li is-sebbah il ghamara
Ghadna xei ma semmeiniha
Sodda mill isbah li tara
Lis-signura ser it-tiha
Ghaliex dina biex niftiehmu
Baghtet iggiba min barra
Ghax ta Malta colla kdiemu
Ma kighed auna narra.

F' chelma uahda, din is-sodda
Min fuk s' isfel j compita
Chvieret, lozor, colla giodda
Verament hagia pulita.
Ghaxiar komos amatista
O che bestia, x' uahda ghamilt
Ket ingheit tela battista
Ara ha, x' fatta tfixkilt !
Seba ilbiesi musulina
Tlieta suf u tnei barix
Erbgha indiana tal parrina
Lbiesi izied ma tatix
Min da collu li semmeina
Collox gdit, e roba fina
Tifmux le l' ahna spedeina
Fadal il huejec tal chcina.
21 Suppiera
7 Platti u dish chbir
71 Salliera
Borma ckeichna ghat-tisjir
4 Friechet u sicchina
Il mancu fidda, il lama hgieg
Tata insomma cul ma il chcina
Trit ma duara, u jinhtieg
Tvaglia uahda u tliet srievet
6 Tripiedi u raxtilliera
6 Gradigli u erba sfiefet
Candlier ragel u gandliera
Passatur u sitt gradigli
U lembia gbada gdida

9 mrieuah, 6 xcupigli
Mehries uahdu min ghair lida
10 Sponos chbira u zghira
9 Bramel, habel tuil
Dich li lactar iggip ghira
Omma tata sar-rampil
Ma fadalx izijed x' insemmi
Huejeg zghar m' umiex michtuba
Gharrakt ghonki, hassart demmi
Kighet f' nofscom donni buba
Min da collu li au michtup
Nista ingheidu min ghair dnup
Illi l' Omm tis-sustenieh
Cul ma chitbet au tatieh.
Bonosira sen hallicom
Signurina ! Sur gharus
Mux sen ngheit biex noffendicom
Tride jahasra ittuni il flus.

**TMIEM**